FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-1 TA' DICEMBRU 2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
SPETTUR NOEL CUTAJAR
VS
WILLIAM MERCIECA

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat William Mercieca ta' 25 sena bin missier mhux maghruf u Tessie nee Mercieca, imwieled Pieta fl-14 ta' Novembru 1973 u joqghod 3rd Floor, Flat 10, Camerata Bldgs, Triq Merkanti, Valletta ID Card No 403973M talli matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru 1998 fil-Belt Valletta, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-hanut Gopaldas, sitwat gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta, li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn Lm1000 gha-ddannu ta' Henry Vaswani li joqghod Patsu House, Triq Nazju Ellul, Mosta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont u dan bi ksur tal-artikoli 261b,c, u f, 263a, 267 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkotanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-cash register, proprjeta ta' Henry Vaswani fuq imsemmi,

liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500 ghad-dannu tal-sitess Henry Vaswani u dan bi ksur tal-artikolu 325b tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli sar ricediv b’sentenzi li saru definittivi fit-23 ta’ Gunju 1992 Awla B, fis-27 ta’ Mejju 1997 Awla H, fil-31 ta’ Ottubru 1996 Awla 14 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-11 ta’ Dicembru 1997 moghtija mill-Qorti tal-Appell.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht  liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat illi l-imputat mghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Dicembru 2000 fejn l-imputat ammetta ghal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art261(b),(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 330, 279, 280, 281, 334, 325(b), 17, 40, 50, 289, 31, 533 u 28A tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghall-hmistax il-xahar prigunerija sospizi ghal erba snin.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.